# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 87/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**DESIRA Stefan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-10 ta' Marzu 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett mija, tlieta u disgħin Ewro u tmenin ċentezmu (€393.80ċ) bilanċ tal-prezz ta' servizzi dovut minnu in eżekuzzjoni ta' ftehim għal ħlasijiet rateali datat 16 ta' April 2013, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 968/15, u bl-imgħaxijiet legali mill-24 ta' Ġunju 2015, data tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) il-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvent li permezz tiegħu dan kien obbliga ruħu li, b'effett mill-1 ta' Mejju 2013, iħallas €50 fix-xahar akkont tad-dejn ta' €643.80ċ li ċertu Mry Desira kellha mas-soċjeta' attriċi, bid-dritt favur is-soċjeta' attriċi li jekk jonqos li jagħmel żewg pagamenti, hija tfittxu immedjatament għall-bilanċ sħiħ (Dok.'A', fol.2);

(ii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok.'B', fol.3); (iii) *statement of account* (Dok.'C', fol.4-5); (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fl-24 ta' Ġunju 2015 kontra l-konvenut (Dok.'D', fol.6), liema ittra baqgħet mhix notifikata lill-konvenut; u (v) affidavit ta' Charmaine Wiffen li bih, fit-18 ta' Frar 2016, iddikjarat bil-ġurament li l-konvenut kien fadallu jagħti s-somma ta' €393.80ċ lis-soċjeta' attriċi fuq il-kont ta' Mary Desira.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra x-xiehda ta' Melanie Pace, *Credit Control Officer* tas-soċjeta' attriċi, li ddikjarat li l-ammont reklamat b'din l-azzjoni jirrappreżenta bilanċ ta' prez ta' servizz ta' telefonija, *internet* u *television* ta' żewġ kaxxi. Hija kkonfermat il-*Payment Programme Agreement* (fol.'2') u spjegat li l-ammont hemm indikat huwa ogħla għaliex jinkludi spejjeż ġudizzjarji.

Wara li qies il-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi, fil-kontumaċja tal-konvenut (meqjusa mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna bħala stat ta' kontestazzjoni għat-talba attriċi), it-Tribunal jinsab moralment konvint li t-talba tagħha tinsab suffiċjentement pruvata.

Kwantu għall-imgħax, billi l-obbligazzjoni mertu tal-kawża hija waħda ċivili, u t-talba hija bażata fuq il-*Payment Programme Agreement* (fol.'2') li ma jgħidx il-kuntrarju, l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jitqies li beda jgħaddi favur is-soċjeta' attriċi mid-data tas-sejħa tagħha lill-konvenut biex iħallas permezz tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tal-24 ta' Ġunju 2015, kif stipulat fl-**art. 1141(2)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett mija u tlieta u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€393.80ċ), bl-imgħax legali mill-24 ta' Ġunju 2015 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tal-24 ta' Ġunju 2015 jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**